


## Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Estonja u Spanja**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax*

*_______________________________________ .*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax___________________________________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Greċja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | 55% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Rumanija** | | | | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | | | | |
| **Spanja** | | | | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | | | | |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **55% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2030**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2040**.




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek huwa impenjat bis-sħiħ favur l-azzjoni klimatika, peress li diġà qed jesperjenza l-konsegwenzi severi tat-temp estrem.
- Il-Gvern tiegħek qed jaħdem b'mod attiv fuq liġijiet nazzjonali riġidi dwar il-klima u jqis it-trasport pubbliku bħala s-soluzzjoni ewlenija għall-mobbiltà sostenibbli, aktar milli jipprijoritizza t-traffiku tat-triq individwalizzat permezz tal-vetturi elettriċi.
- Aspett kritiku iżda spiss injorat ta' dan id-dibattitu huwa d-dipendenza fuq il-minerali, bħal-litju u l-kobalt, li huma essenzjali għall-batteriji tal-vetturi elettriċi. L-estrazzjoni tagħhom għandha impatti serji fuq l-ambjent u s-saħħa fir-reġjuni tal-minjieri, u dan jagħmilha imperattiva li tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-mobbiltà minn perspettiva usa', minflok ma ssir enfasi biss fuq il-vetturi elettriċi.
- Minħabba l-approċċ usa' ta' pajjiżek għat-trasport sostenibbli, inti favur iż-żamma tal-mira intermedjarja iżda tippromwovi tranżizzjoni aktar kawta u prevedibbli, inkluż posponiment tal-eliminazzjoni gradwali sħiħa.
- In-noti tiegħek:

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| jimpenjaw ruħhom li | **jimmiraw li** |
|---|---|
| ☐ | ☑ |

B) Dan in-network għandu jkopri n-**network TEN-T**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **80 kilometru** bogħod minn xulxin.

| l-awtostradi kollha | **in-network TEN-T** |
|---|---|
| | ☑ |




### L-argumenti tiegħek

- Minkejja l-appoġġ fit-tul tiegħek għall-introduzzjoni gradwali tal-vetturi elettriċi, tinsab imħasseb dwar l-investimenti sinifikanti meħtieġa għall-infrastruttura tal-iċċarġjar.
- Il-grilja elettrika tal-Portugall bħalissa ma għandhiex il-kapaċità li tappoġġa l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi fuq skala kbira mingħajr titjib għali. Barra minn hekk, il-grilja xi drabi tiġi affettwata minn kundizzjonijiet estremi tat-temp, li jwasslu għal qtugħ.
- Għalhekk, qabel ma jsiru investimenti f'punti tal-iċċarġjar, huwa kruċjali li tingħata prijorità lill-aġġornamenti urġenti tal-grilja biex jiġi żgurat li din tkun aktar stabbli u inqas suxxettibbli għall-volatilità.
- In-noti tiegħek:

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Portugall |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 19 360 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 113.0 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 7.1% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 554 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e/kWh$) | 210 | 119 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 30.6% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 535 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 202 986 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 3.9% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C

PRESIDENZA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Verżjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil għall-fjuwil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

**PRESIDENZA**

# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE. Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.



## L-objettiv primarju tiegħek

Li jintlaħaq qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill b'maġġoranza doppja (li jfisser mill-inqas 55% tal-Istati Membri li jirrappreżentaw 65% tal-popolazzjoni tal-UE). Idealment, titfittex dejjem l-unanimità, iżda jekk dan ma jkunx possibbli tiġi applikata r-regola tal-maġġoranza doppja. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ma jitressqux għal vot, iżda l-presidenza tipprova ssib kompromess li jista' jiġi appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha.

## Ir-rwol tiegħek

Inti tingħaqad mad-delegazzjoni tal-Istat Membru li attwalment għandu l-presidenza. Il-faċilitatur tal-logħba ser jgħidlek liema hu dan il-pajjiż.

Bħala parti mid-delegazzjoni, huwa l-kompitu tiegħek li tippresiedi n-negozjati uffiċjali waqt li l-kollegi tiegħek jippreżentaw l-interessi u l-pożizzjonijiet ta' pajjiżek. Inti responsabbli għas-sorveljanza tat-taħditiet uffiċjali kollha, li tgħaddi l-kelma lid-delegati u li żżomm mal-ħin tal-iskeda.

## Ftuħ tal-laqgħa

1. Għandek **tiftaħ il-laqgħa formalment**, tilqa' lid-delegati kollha u lill-Kummissjoni u tispjega l-għan ta' din il-laqgħa (mhux iktar minn minuta). Il-kitba fil-kaxxa tat-test fil-paġna li jmiss tista' tgħinek.
2. Wara dan, inti **tistaqsi lir-rappreżentant tal-Kummissjoni biex jippreżenta l-abbozz**.
3. **Imbagħad isiru d-dikjarazzjonijiet tal-ftuħ mill-Istati Membri** (mhux iktar minn minuta kull wieħed), imsejħa minnek skont l-ordni tat-talbiet biex jitkellmu. Tistieden lill-Istati Membri jiddikjaraw b'mod ċar fejn jikkondividu interessi komuni ma' Stati Membri oħra.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Diskussjonijiet

1. **Immodera n-negozjati uffiċjali li jsegwu**. Il-ministri jistgħu jitkellmu biss meta inti tgħaddilhom il-kelma. Sejjaħ lid-delegati fl-ordni li jkunu saru t-talbiet biex jitkellmu.
2. Itlob lid-delegati biex ma jirrepetux argumenti u pożizzjonijiet li diġà tressqu. Stieden lill-Istati Membri b'pożizzjonijiet simili biex jitkellmu f'isem xulxin. **Il-ħin huwa limitat!**
3. **In-negozjati uffiċjali jiġu interrotti għal taħditiet informali**. Inti tħabbar il-bidu tat-taħditiet informali u l-ħin meta l-laqgħa formali ser terġa' tiltaqa'. It-taħditiet informali jistgħu jsiru mingħajr is-superviżjoni tiegħek.

## Ilħaq qbil

1. Matul it-taħditiet informali, għandek żmien biex **tħejji proposta ta' kompromess**. Naturalment, tista' wkoll tistaqsi lill-Istati Membri jekk għandhomx suġġerimenti għal kompromess.
2. Tressaq għal vot l-aktar proposta/i promettenti għall-Artikolu 1 u l-Artikolu 2. It-**test finali adottat b'maġġoranza doppja** (55% tal-Istati Membri, li jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE). Uża l-kalkulatur tal-votazzjoni biex tgħodd il-voti. Il-faċilitatur tal-logħba ser jgħinek f'dan.
3. Fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, fakkar lill-Istati Membri li f'dan l-istadju jridu jiddeċiedu jekk jippreferux kompromess li jistgħu ma jkunux 100% sodisfatti bih jew li ma jkun hemm ebda riżultat.

*Membri tal-Kunsill, Kummissarju,*

*Għandi l-pjaċir niftaħ il-laqgħa tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija.*

*Kif tafu, ____________ bħalissa għandu/għandha l-Presidenza tal-Kunsill u ser jippresiedi/tippresiedi n-negozjati. Ser ikun ir-rwol tiegħi li nimmodera l-laqgħa tal-lum u mhux ser nippreżenta l-pożizzjonijiet ta' pajjiżna dwar is-suġġett.*

*Fuq l-aġenda tal-lum għandha regolament ġdid dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi. Is-suġġett huwa ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Ewropej kollha, kif ukoll għar-rwol tal-UE fid-dinja, għax _____________.*

*Qabel ma nagħti l-kelma lill-Kummissjoni, nixtieq nenfasizza li s-Servizz Legali tal-Kunsill irrieżamina l-proposta u infurmana li hija konformi mat-Trattati u għandha l-bażi ġuridika neċessarja.*

*Issa ġentilment nitolbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposta tagħha. Wara dan, kull wieħed minnkom ser ikollu l-opportunità li jippreżenta l-pożizzjoni ta' pajjiżu f'dikjarazzjoni qasira tal-ftuħ. Nistennew u nittamaw li jkollna dibattitu kostruttiv u li jħalli l-frott.*

*Kummissarju, inħalli f'idejk biex titkellem!*

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. **Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw** …

opzjonijiet: 25% ☐ 40% ☐ 50% ☐ 55% ☐ 60% ☐ 75% ☐

**ta' vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena

opzjonijiet: 2025 ☐ 2027 ☐ 2030 ☐

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena …

opzjonijiet: 2030 ☐ 2035 ☐ 2040 ☐ 2050 ☐

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri … jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

opzjonijiet: jimpenjaw ruħhom li ☐ jimmiraw li ☐

B) Dan in-network għandu jkopri …

opzjonijiet: l-awtostradi kollha ☐ in-network TEN-T ☐

L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn … bogħod minn xulxin

opzjonijiet: 40 km ☐ 60 km ☐ 80 km ☐ 100 km ☐

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | 55% | 2025 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 40 km | |
| **Belġju** | 55% | 2025 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 40 km | |
| **Bulgarija** | 40% | 2030 | 2050 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Kroazja** | 40% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | l-awtostradi kollha | 100 km | |
| **Ċipru** | 60% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Ċekja** | 50% | 2030 | 2050 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Danimarka** | 75% | 2027 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 40 km | |
| **Estonja** | 40% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Finlandja** | 55% | 2025 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 60 km | 100 km f'toroq b'livell baxx ta' traffiku |
| **Franza** | 75% | 2027 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 40 km | |
| **Ġermanja** | 40% | 2025 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 60 km | |
| **Grećja** | 55% | 2025 | 2030 | | jimmiraw li | l-awtostradi kollha | 80 km | |
| **Ungerija** | 40% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **Irlanda** | 75% | 2027 | 2030 | | jimmiraw li | l-awtostradi kollha | 60 km | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | Suġġerimenti/noti oħra | 2A | 2B | | Suġġerimenti/noti oħra |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | |
| **Italja** | 40% | 2030 | 2040 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 60 km | |
| **Latvja** | 25% | 2030 | 2040 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **Litwanja** | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 100 km | |
| **Lussemburgu** | 75% | 2027 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 40 km | |
| **Malta** | 55% | 2025 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **In-Netherlands** | 55% | 2025 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 40 km | |
| **Polonja** | 40% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **Portugall** | 55% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Rumanija** | 50% | 2030 | 2050 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Slovakkja** | 55% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 60 km | |
| **Slovenja** | 55% | 2030 | 2035 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **Spanja** | 40% | 2030 | 2035 | | jimmiraw li | l-awtostradi kollha | 80 km | |
| **Żvezja** | 75% | 2027 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 60 km | 100 km f'toroq b'livell baxx ta' traffiku |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | **Unjoni Ewropea** |
|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e/kWh$) | 210 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0455-2doi:10.2860/7051678QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0456-9 doi:10.2860/5011667QC-01-25-005-MT-C



# RUMANIJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Verżjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (jiġifieri, li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# RUMANIJA



## Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Bulgarija, iċ-Ċekja u l-Latvja**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax*

*_________________________________________.*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax _____________________________________.*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tattest fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfax għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Greċja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | | | | | | | | |
| **Rumanija** | 50% | 2030 | 2050 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 80 km | |
| **Slovakkja** | | | | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | | | | |
| **Spanja** | | | | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | | | | |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **50% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2030**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2050**.




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek huwa impenjat li jagħti kontribut ġust għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport, filwaqt li jiżgura li din it-tranżizzjoni ma tagħmilx ħsara lill-ekonomija nazzjonali. Filwaqt li diversi organizzazzjonijiet klimatiċi kkritikaw il-pjanijiet ta' tranżizzjoni tar-Rumanija bħala mhux ambizzjużi biżżejjed, qed timplimenta bidliet fil-limiti ta' dak li huwa ekonomikament fattibbli.
- Tħassib kbir huwa l-influss kontinwu ta' karozzi użati, li kellu impatt negattiv fuq il-prestazzjoni kemm tal-klima kif ukoll tal-enerġija fil-passat. Inti tirrikonoxxi li huwa meħtieġ tibdil fid-drawwiet tal-konsumatur, iżda tara dan bħala objettiv fit-tul marbut mill-qrib mal-iżvilupp ekonomiku tar-Rumanija.
- Inti topponi bil-qawwa t-tneħħija gradwali sħiħa tal-vetturi b'magna tal-kombustjoni sal-2035, u minflok tippromwovi skadenza aktar tard. Tneħħija gradwali sal-2050 hija ħafna aktar realistika, u tagħti lill-ekonomija u lill-popolazzjoni tiegħek iż-żmien meħtieġ biex tadatta.
- Inti partikolarment interessat f'miżuri ta' appoġġ potenzjali, klawżoli ta' rieżami, u salvagwardji li jistgħu jiffaċilitaw it-tranżizzjoni u jimmitigaw ir-riskji ekonomiċi.
- In-noti tiegħek:

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| jimpenjaw ruħhom li | **jimmiraw li** |
|---|---|
| ☐ | ☑ |

B) Dan in-network għandu jkopri n-**network TEN-T**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **80 kilometru** bogħod minn xulxin.

| l-awtostradi kollha | **in-network TEN-T** |
|---|---|
| ☐ | ☑ |




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek jiddependi fuq suq ta' oġġetti użati li qed jikber għall-vetturi elettriċi, li ser jieħu ż-żmien biex jiżviluppa hekk kif huwa biss issa li l-adozzjoni tal-vetturi elettriċi fi Stati Membri aktar sinjuri tal-Ewropa tal-Punent qed tibda taċċellera.
- Minħabba dan, inti kontra kull impenn vinkolanti għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar.
- Barra minn hekk, tinsab imħasseb dwar il-ġustizzja tal-proposta, peress li l-fondi pubbliċi użati għall-infrastruttura tal-vetturi elettriċi jkunu primarjament ta' benefiċċju għas-sidien tal-vetturi elettriċi, filwaqt li s-sidien mhux tal-vetturi elettriċi effettivament ikunu qed jissussidjaw sistema li ma jużawx.
- In-noti tiegħek:

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Rumanija |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 11 460 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 82.7 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 6.1% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 464 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e$/kWh) | 210 | 234 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 24.3% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 379 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 126 329 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 2.3% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C

## SLOVAKKJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Veržjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (jiġifieri, li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



## SLOVAKKJA



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħal **Franza, il-Ġermanja u l-Italja**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.
3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax ________________________________ .*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax ________________________________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Grecja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | Suġġerimenti/noti oħra | 2A | 2B | | Suġġerimenti/noti oħra |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | | | | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | | | | |
| **Slovakkja** | 55% | 2030 | 2040 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 60 km | |
| **Slovenja** | | | | | | | | |
| **Spanja** | | | | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | | | | |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **55% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2030**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2040**.




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek huwa mexxej aspiranti fl-azzjoni klimatika. Aktar kmieni din is-sena, il-gvern tiegħek approva l-istrateġija tal-politika ambjentali "Slovakkja aktar ekoloġika", li tistabbilixxi objettivi għall-protezzjoni tar-riżorsi naturali, għat-tnaqqis tat-tniġġis, u għall-avvanz ta' ekonomija ċirkolari. Dan isaħħaħ it-tmexxija tiegħek fil-qasam, u inti ħerqan(a) li llum issemma' l-pożizzjoni tiegħek.
- Is-Slovakkja tospita impjanti tal-manifattura għal kumpaniji ewlenin tal-karozzi, b'177 000 impjieg direttament fis-settur u ħafna aktar f'industriji relatati. Fl-2019, il-manifatturi kienu mistennija jipproduċu aktar minn miljun karozza. L-industrija tal-karozzi hija pedament tal-ekonomija Slovakka, u tikkontribwixxi 13% tal-PDG, kważi 50% tal-produzzjoni industrijali, u 46% tal-esportazzjonijiet.
- Inti tirrikonoxxi li sabiex issir it-tranżizzjoni għall-mobbiltà elettrika, is-settur awtomobilistiku ta' pajjiżek jeħtieġ li jiġi ristrutturat b'mod sinifikanti. Għalhekk, inti favur eliminazzjoni gradwali ftit aktar tard filwaqt li żżomm il-mira oriġinali ta' 55% għall-2030.
- In-noti tiegħek:

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| jimpenjaw ruħhom li | **jimmiraw li** |
| --- | --- |
| ☐ | ☑ |

B) Dan in-network għandu jkopri n-**network TEN-T**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **60 kilometru** bogħod minn xulxin.

| l-awtostradi kollha | **in-network TEN-T** |
| --- | --- |
| ☐ | ☑ |




### L-argumenti tiegħek

- Mhux bilfors topponi l-proposta tal-Kummissjoni iżda tippreferi approċċ aktar kawt.
- It-teknoloġiji tal-vetturi elettriċi qed jevolvu b'mod rapidu, b'innovazzjonijiet ġodda bħall-iċċarġjar mingħajr fili u l-iskambju tal-batteriji emerġenti b'mod regolari.
- Minħabba din l-inċertezza, l-investimenti fuq skala kbira fl-infrastruttura tal-iċċarġjar attwali jirriskjaw li jsiru obsoleti, li potenzjalment iwasslu għal ħela ta' riżorsi. Hija meħtieġa strateġija aktar flessibbli biex tadatta għall-iżviluppi futuri.
- In-noti tiegħek:

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Slovakkja |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 17 270 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 112.0 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 6.7% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 803 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e/kWh$) | 210 | 84 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 16.9% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 447 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 76 300 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 1.2% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0455-2doi:10.2860/7051678QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0456-9 doi:10.2860/5011667QC-01-25-005-MT-C



## SLOVENJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Verżjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

**In-negozjati qed isiru fl-2021!**

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (jiġifieri, li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



## SLOVENJA



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Finlandja, il-Greċja u l-Iżvezja**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.
3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax __________________________________ .*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax __________________________________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Greċja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | | | | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | | | | |
| **Slovenja** | 55% | 2030 | 2035 | | jimmiraw li | in-network TEN-T | 100 km | |
| **Spanja** | | | | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | | | | |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitnaħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **55% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2030**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2035**.




### L-argumenti tiegħek

- It-tibdil fil-klima huwa prijorità ewlenija għal pajjiżek, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija għan strateġiku għall-ekonomija Slovena.
- Inti tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni peress li taraha bħala approċċ ibbilanċjat - la ambizzjuża wisq u lanqas modesta wisq. Inti tirrikonoxxi li għal ħafna pajjiżi tal-UE, ir-ristrutturar tas-sorsi tal-enerġija ser ikun essenzjali, minħabba ż-żieda mistennija fid-domanda għall-elettriku minħabba l-bidla lejn l-elettromobbiltà. Inti tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha jkollhom il-ħin u l-appoġġ meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija aktar nodfa.
- It-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet żero tal-karbonju, għalkemm mhux direttament parti minn din il-proposta, hija kruċjali, peress li l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi b'elettriku b'użu intensiv ta' karbonju mhuwiex soluzzjoni sostenibbli. Huwa meħtieġ sforz ikkoordinat biex jiġi żgurat li l-elettromobbiltà tallinja mal-għanijiet usa' ta' dekarbonizzazzjoni.
- In-noti tiegħek:

  __________________________________________________________________________

  __________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| jimpenjaw ruħhom li | **jimmiraw li** |
| --- | --- |
| ☐ | ☑ |

B) Dan in-network għandu jkopri n-**network TEN-T**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **100 kilometru** bogħod minn xulxin.

| l-awtostradi kollha | **in-network TEN-T** |
| --- | --- |
| ☐ | ☑ |




### L-argumenti tiegħek

- Inti topponi r-rekwiżiti obbligatorji għall-punti tal-iċċarġjar, billi temmen li t-tkabbir tas-suq tal-vetturi elettriċi naturalment ser jixpruna d-domanda għall-infrastruttura tal-iċċarġjar.
- Is-settur privat għandu jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' network effiċjenti, filwaqt li jiżgura li l-investiment jallinja mal-ħtiġijiet attwali tas-suq.
- Dan l-approċċ jallinja mal-prinċipji tas-suq ħieles, peress li l-investimenti tal-istat jistgħu jiskoraġġixxu l-innovazzjoni tas-settur privat u l-investiment f'soluzzjonijiet ta' ċċarġjar.
- In-noti tiegħek:

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | **Unjoni Ewropea** | **Slovenja** |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 22 230 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 103.7 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 5.0% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 957 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e$/kWh) | 210 | 176 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 27.0% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 555 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 53 367 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 3.2% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0455-2doi:10.2860/7051678QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0456-9 doi:10.2860/5011667QC-01-25-005-MT-C

SPANJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Verżjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (jiġifieri, li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



## SPANJA



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Estonja u l-Portugall**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax*

*________________________________________ .*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax __________________________________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Greċja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | | | | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | | | | |
| **Spanja** | 40% | 2030 | 2035 | | jimmiraw li | l-awtostradi kollha | 80 km | |
| **Żvezja** | | | | | | | | |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **40% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2030**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2035**.




### L-argumenti tiegħek

- Bħala t-tieni l-akbar pajjiż fl-UE skont id-daqs, it-trasport għandu rwol ewlieni fl-ekonomija tiegħek, iżda huwa wkoll l-akbar sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.
- Issib il-proposta tal-Kummissjoni riġida wisq u tenfasizza l-ħtieġa għal flessibbiltà, b'mod partikolari biex tintlaħaq il-mira tal-2030, biex jiġu evitati xokkijiet fis-suq. Dan huwa ta' tħassib serju minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi ta' pajjiżek matul l-aħħar għaxar snin.
- B'waħda mill-ogħla rati tal-qgħad fl-UE, il-prijorità ewlenija tiegħek hija li tiżgura li t-tranżizzjoni għall-vetturi elettriċi ma twassalx għal telf ta' impjiegi. Għalhekk, inti tippromwovi miżuri ta' appoġġ, inkluż investiment fi start-ups Spanjoli biex tingħata spinta lill-adozzjoni tal-vetturi elettriċi u l-programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema żgħażagħ qiegħda, biex jgħinuhom jidħlu fis-settur tal-vetturi elettriċi li qed jikber.
- In-noti tiegħek:

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

jimpenjaw ruħhom li ☐ **jimmiraw li** ☑

B) Dan in-network għandu jkopri **l-awtostradi kollha**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **80 kilometru** bogħod minn xulxin.

**l-awtostradi kollha** ☑ in-network TEN-T ☐




### L-argumenti tiegħek

- Kull Stat Membru tal-UE għandu networks tat-toroq differenti, influwenzati minn diversi densitajiet tal-popolazzjoni, li jfisser li mhux xieraq li jkun hemm regolament li jitfa' lil kulħadd f'keffa waħda.
- Spanja għandha ħafna żoni rurali skarsament popolati b'konċentrazzjonijiet baxxi ta' karozzi, li jfisser li l-punti tal-iċċarġjar tal-karozzi elettriċi jintużawx biżżejjed f'dawk ir-reġjuni, u għalhekk mhumiex meħtieġa kull 60 km. Għalhekk, inti titlob flessibbiltà fl-istabbiliment ta' miri nazzjonali li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-attività tan-negozju.
- Madankollu, temmen li jkun aktar ta' benefiċċju li wieħed jiffoka fuq l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar tul l-awtostradi kollha, peress li s-sidien tal-vetturi elettriċi mhumiex limitati għal dawk li jgħixu tul in-network TEN-T.
- In-noti tiegħek:

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Spanja |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 23 850 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 93.8 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 15.5% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 577 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e$/kWh) | 210 | 158 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 18.4% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 549 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 939 096 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 1.9% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C



**ŻVEZJA**



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **Verżjoni avvanzata** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (jiġifieri, li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw 55% tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena 2030.

B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

B) Dan in-network għandu jkopri n-network TEN-T. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



# ŻVEZJA



## Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Finlandja, il-Greċja u s-Slovenja**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna deliberazzjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Għandu jkollna sehem ta' mill-inqas __% ta' vetturi elettriċi sa _____. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ___, għax*

*________________________________________.*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, minħabba. Din l-infrastruttura għandha tkopri _____, għax _____________________________.*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. **Id-deċiżjoni hija tiegħek dwar kif tivvota fl-aħħar**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | | 2A | 2B | | |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | | | | |
| **Belġju** | | | | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | | | | |
| **Estonja** | | | | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | | | | |
| **Franza** | | | | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | | | | |
| **Greċja** | | | | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | | | | |

| | Artikolu 1 | | | | Artikolu 2 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1A | | 1B | Suġġerimenti/noti oħra | 2A | 2B | | Suġġerimenti/noti oħra |
| | % tal-karozzi kollha li jridu jkunu vetturi elettriċi … | … sas-sena … | … mis-sena. | | L-Istati Membri … | In-network għandu jkopri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | |
| **Italja** | | | | | | | | |
| **Latvja** | | | | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | | | | |
| **Malta** | | | | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | |
| **Polonja** | | | | | | | | |
| **Portugall** | | | | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | | | | |
| **Spanja** | | | | | | | | |
| **Żvezja** | 75% | 2027 | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | l-awtostradi kollha | 60 km | 100 km f'toroq b'livell baxx ta' traffiku |
| Kummissjoni | 55% | 2030 | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | in-network TEN-T | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **75% tal-vetturi rreġistrati ġodda** sas-sena **2027**.




B) L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2030**.




### L-argumenti tiegħek

- Fil-livell nazzjonali, il-gvern tiegħek jimmira li jikseb in-newtralità klimatika sal-2040 fis-setturi kollha, u b'hekk jagħtik wieħed mill-aktar pajjiżi ambizzjużi fl-UE u mexxej fl-azzjoni klimatika flimkien ma' nazzjonijiet Nordiċi oħra. Hija meħtieġa azzjoni kollettiva urġenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport.
- Inti tappoġġa eliminazzjoni gradwali aktar ambizzjuża fl-UE kollha peress li tallinja aktar mill-qrib mal-impenji nazzjonali tiegħek. Temmen ukoll li t-tranżizzjoni lejn produzzjoni tal-enerġija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju tista' tinkiseb bl-approċċ it-tajjeb.
- L-esperjenza tiegħek stess turi x'inhu possibbli; qed tippjana li taċċellera l-għeluq tal-aħħar impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam tiegħek għall-2022, sentejn qabel l-iskeda, bis-saħħa tad-dedikazzjoni kemm tal-gvern tiegħek kif ukoll tan-nies tiegħek li jieħdu l-kriżi klimatika bis-serjetà.
- In-noti tiegħek:

  ____________________________________________________________________________

  ____________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

A) L-Istati Membri **jimpenjaw ruħhom li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| **jimpenjaw ruħhom li** | jimmiraw li |
|---|---|
| ☑ | ☐ |

B) Dan in-network għandu jkopri **l-awtostradi kollha**. L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **60 kilometru** bogħod minn xulxin **(100 kilometru f'toroq b'livell baxx ta' traffiku**).

| **l-awtostradi kollha** | in-network TEN-T |
|---|---|
| ☑ | ☐ |




### L-argumenti tiegħek

- F'termini ta' infrastruttura tal-fjuwils, jeħtieġ li tiżgura li l-objettivi l-ġodda jqisu l-partikolaritajiet tal-Iżvezja. Fiż-żoni tat-Tramuntana skarsament popolati tiegħek, id-distanzi bejn l-irħula huma kbar, ftit li xejn hemm traffiku, u l-profittabbiltà tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar hija limitata.
- Għalhekk, ma tappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni kif inhi. Inti favur xi emendi.
- B'mod speċifiku, filwaqt li żżomm id-distanza ta' 60 km fit-toroq bi traffiku normali, tipproponi distanza sa 100 km f'toroq bi ftit traffiku.
- In-noti tiegħek:

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

  ______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Żvezja |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 46 250 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 25.2 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 8.5% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 281 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e/kWh$) | 210 | 8 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 56.4% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 476 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 298 771 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 9.4% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C